**19 ta' Ottubru, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Raffaele Vella

*versus*

Louis Grech ne. et.

**Ċessjoni — Garanzija tar-Realtà u tal-Eżiġibbilità — Eskussjoni tad-Debitur — Proċedura.**

*Meta ssir ċessjoni ta' kreditu, u ċ-ċedent jiggarantixxi tant ir-realtà kemm l-eżiġibilità tal-kreditu ċedut, u fil-fatt jirrisulta illi, fil-mument meta saret iċ-ċessjoni, iċ-ċedent kien ġa nkassa l-kreditu minnu ċedut, dik iċ-ċessjoni hija ineżistenti, għax bla oġġett; u għalhekk iċ-ċessjonarju jista' jaġixxi mill-ewwel u direttament kontra ċ-ċedent biex jirreklama lura l-prezz taċ-ċessjoni; u dan bis-saħħa tal-garanzija tar-realtà tal-kreditu ċedut.*

*imma jekk jirriżulta illi fil-mument taċ-ċessjoni ċ-ċedent ma kienx ġa nkassa l-kreditu kollu minnu ċedut, għal dik il-parti li ma kienetx ġa nkassata ċ-ċessjoni hija eżistenti, u ċ-ċessjonarju ma jistgħax jaġixxi kontra ċ-ċedent bla saħħa tal-garanzija tal-eżiġibbilità, qabel ma huwa jkun eskuta inutilment id-debitur ċedut, ammenokkè ċ-ċedent ma jkunx obliga ruħu wkoll li jħallas hu jekk id-debitur ma jħallasx fuq sempliċi rikjesta. U dan anki jekk jirriżulta illi wara ċ-ċessjoni ċ-ċedent ikun inkassa anki dik il-parti li fil-mument taċ-ċessjoni kienet għadha lilu dovuta; sakemm ma jirriżultax ukoll illi d-debitur huwa notorjament insolvibbli, u li għalhekk l-eskussjoni tiegħu tkun timporta ħala ta' żmien u spejjeż. U sempliċi ittra uffiċjali lid-debitur biex iħallas mhix eskussjoni kif trid il-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenut Paolo Grech, kreditur tal-imsemmi Luigi Grech, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tat-23 ta' Marzu 1945 fl-ammont ta' £150, bl-interessi tal-5% fis-sena, wara li daħħal pagamenti akkont ta' dan il-kreditu, ċeda lill-instanti l-kreditu ntier b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tal-5 ta' Marzu 1948 (dok. A); u illi l-instanti ma jafx kemm huwa l-bilanċ li baqgħalu jħallas id-debitur, u ma jistgħax lanqas jeżegwixxi l-kuntratt tas-sena 1945 minħabba l-mewt tad-debitur u l-fatt li għaddew aktar minn tliet snin mid-data li dan il-kuntratt seta' jiġi eżegwit; talab illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u jingħataw il-provvedimenti li jkun hemm bżonn, (1) in kontestazzjoni tal-konvenuti bejniethom jiġi likwidat l-ammont bilanċjali dovut mid-debitur għas-saldu tal-kapital u nteressi naxxenti mill-imsemmi kuntratt tat-23 ta' Marzu 1945, bl-ispejjeż bejniethom; (2) l-istanti jiġi awtorizzat jipproċedi għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt kontra l-eredità ġjaċenti ta' Michele Grech għall-pagament tal-ammont hekk likwidat, bl-interessi relattivi, għalkemm miet id-debitur u għaddew aktar minn tliet snin mid-data li l-istess kuntratt seta' jiġi eżegwit, bl-ispejjeż kontra l-eredità ġjaċenti; (3) il-konvenut; bħala garanti tar-realtà u eżiġibbilità tal-kreditu ntier ċedut lill-instanti, jiġi kundannat iħallas lill-instanti d-differenza, ċjoè l-ammont differenzjali bejn l-ammont tal-kapital ċe-

dut, bir-relattivi nteressi tiegħu, u l-ammont bilanċjali li jiġi fuq likwidat għall-kapital u relattivi nteressi dovuti, bl-ispejjeż ta' dan il-kap kontra l-konvenut ċedenti u garanti Paolo Grech;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tad-29 ta' Marzu 1962, li biha ddeċidiet il-kawża billi (1) illikwidat fis-somma ta' £61. 16. 7d. bl-interessi tal-5% fis-sena mis-16 ta' Jannar 1948, l-ammont li tiegħu l-eredità ġjaċenti ta' Michele Grech hija debitriċi tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Louis Grech nomine u l-konvenut Paolo Grech nofs kull wieħed; (2) awtorizzat lill-attur jipproċedi għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt indikat fiċ-ċitazzjoni kontra l-imsemmija eredità għall-pagament ta' l-ammont hekk likwidat, bl-interessi fuq indikati, u dan għalkemm miet id-debitur u għaddew aktar minn tliet snin mid-data li l-istess kuntratt seta' jiġi eżegwit, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Louis Grech nomine; (3) u, prevju r-riġett tal-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni minnu sollevata, ikkundannat lill-konvenut Paolo Grech, bħala garanti tar-realtà tal-kreditu ntier ċedut, iħallas lill-attur is-somma ta' £88. 3. 5d, bl-interessi tal-5% fis-sena mill-5 ta' Marzu 1948, minn liema somma għandhom jiġu mputati £15 għall-interessi, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut Paolo Grech; wara li kkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża, kif riżultati mill-provi, huma dawn. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tat-23 ta' Marzu 1945, Luigi Grech għamel transazzjoni ma' ibnu, il-konvenut Paolo Grech, dwar żewġ kawżi li kien hemm pendenti bejniethom, fis-sens li hu, fost ħwejjeġ oħra, ikkostitwixxa ruħu veru, likwidu u ċert debitur tal-istess ibnu Paolo Grech fis-somma ta' £150; liema somma hu obbliga ruħu li jħallasha fi żmien sentejn mingħajr interessi. Luigi Grech miet fl-24 ta' Marzu 1947 mingħajr ma laħaq għamel dak il-pagament; u allura l-konvenut Paolo Grech, fit-28 ta' Ġunju 1947, interpella uffiċjalment lil ħuh Michele, bħala uniku eredi ta' Luigi Grech, biex iħallsu s-somma ta' £150, oltre l-interessi legali;

Fid-29 ta' Mejju 1945 inbiegħ fis-subasta fond ġa pro-

prijetà ta' Luigi Grech, u mill-prezz rikavat il-konvenut Paolo Grech, fis-16 ta' Jannar 1948, żbanka s-somma ta' £93. 0. 8d. akkont ta' £150 lilu dovuti;

Wara dan l-iżbank, u preċiżament fil-5 ta' Marzu 1948, fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius, il-konvenut Paolo Grech ċeda u ttrasferixxa lil Raffaele Vella, l-attur, il-kreditu ta' £150 li hu qal li kellu kontra missieru Luigi Grech, riżultanti mill-att fuq imsemmi tal-1945, flimkien mal-interessi kollha relattivi tal-5% fis-sena mid-data ta' dan l-att sal-ħlas tal-kreditu kollu, u in garanzija tar-realtà u eżiġibbilità tal-kreditu, il-konvenut Paolo Grech ipoteka favur l-attur il-proprijetà tiegħu in ġenerali. Din iċ-ċessjoni ta' kreditu ġiet debitament denunzjata lill-imsemmi Michele Grech b'ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu 1948;

Wara l-mewt ta' Luigi Grech, ibnu Michele, bħala uniku eredi tiegħu, aġixxa kontra ħuħ l-ieħor, ċjoè Paolo, il-konvenut f'dan il-kawża, u Vittoria Pace mwielda Grech, bil-kawża in re "Michele Grech vs. Paolo Grech et.". Fil-pendenza ta' dik il-kawża miet Michele Grech, u l-ġudizzju ġie trasfus fil-persuna ta' Louis Grech, il-konvenut kuratur f'din il-kawża. Dik il-kawża ġiet deċiża minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 1954, u in segwitu għal dik id-deċiżjoni, u preċiżament fl-ewwel ta' Diċembru 1954, fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona saret assenjazzjoni favur il-konvenut Paolo Grech a saldu ta' kwalunkwe ammont dovut lilu, fosthom dak lilu dovut minn missieru Luigi Grech bil-kuntratt ta' transazzjoni ġa msemmi fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tat-23 ta' Marzu 1945;

Illi bil-kawża odjerna l-attur qiegħed jitlob, in kontestazzjoni taż-żewġ konvenuti, li jiġi likwidat l-ammont li baqgħalu jħallas id-debitur għas-saldu tal-kapital u nteressi naxxenti mill-imsemmi kuntratt tal-1945; li jiġi awtorizzat jipproċedi għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt kontra l-konvenut Louis Grech nomine, għalkemm miet id-debitur u għaddew aktar minn tliet snin mid-data li l-istess kuntratt seta' jiġi eżegwit; u li l-konvenut Paolo Grech, bħala garanti tar-realtà u eżiġibilità tal-kreditu ntier ċedut lilu, jiġi kundannat iħallsu l-ammont differenzjali bejn l-ammont tal-kapital ċedut, bir-relattivi nteressi, u l-ammont

bilanċjali msemmi li jiġi likwidat għall-kapital u relattivi nteressi dovuti;

Fil-kors tas-seduti miżmuma mill-perit legali, u preċiżament f'dik tal-11 ta' Diċembru 1958, ġie verbalizzat (a) da parti tal-attur, illi, billi waqt il-kawża rriżulta li l-kreditu ċedut ġie nkassat miċ-ċedent Paolo Grech, il-lum l-ewwel domanda tinsab eżawrita, u tibqa' biss veljanti għall-kap tal-ispejjeż, u illi, kwantu għat-tieni domanda, billi rriżulta li ċ-ċedent daħħal darbtejn l-ammont tal-kreditu ċedut, hu, l-attur ma jistgħax jitlob aktar il-pagament minn għand id-debitur, li ħallas, u għalhekk l-ammont tad-differenza msemmija fiċ-ċitazzjoni huwa l-ammont kollu tad-debitu ċedut li daħħal iċ-ċedent, u għalhekk id-debitur ċedut ma għadux debitur; (b) da parti tal-konvenut Louis Grech nomine, ġew rinunzjati l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni, (c) da parti tal-konvenut Paolo Grech, li l-azzjoni tal-attur in kwantu diretta kontra tiegħu hija ntempestiva;

Illi l-perit legali rrelata;

(1) Rigward l-eċċezzjoni tal-konvenut Louis Grech, l-unika eċċezzjoni ta' dan il-konvenut, billi, kif ingħad, l-eċċezzjonijiet l-oħra minnu mogħtija ġew rinunzjati, ċjoè li hu ma għandu jagħti xejn lill-attur għaliex il-kreditu ċedut ġie mdaħħal fil-passiv tal-assi soċjali konjugali tat-tieni żwieġ bejn Luigi u Carmela Grech fid-diviżjoni relattiva li saret bis-saħħa tas-sentenza tas-16 ta' Ottubru 1954, ġie akkreditat bih il-konvenut Paolo Grech, li għalkemm huwa veru li fid-diviżjoni msemmija l-konvenut Paolo Grech kien ġie mħallas għas-saldu tal-kreditu, jibqa' dejjem il-fatt li dan il-pagament sar ħażin, għaliex preċedentement iċ-ċessjoni kienet ġiet debitament denunzjata lil Michele Grech, awtur tal-konvenut Louis Grech, b'ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu 1948, li biha Michele Grech ġie debitament notifikat fit-23 ta' Marzu ta' dik is-sena, ċjoè wara li kienet bdiet, imma kienet għadha pendenti, il-kawża tal-likwidazzjoni msemmija, però il-ġudizzju ġie trasfus fil-persuna ta' Louis Grech snin wara, ċjoè fit-13 ta' Diċembru 1952; u għalhekk, jekk sar pagament jew kompensazzjoni favur Paolo Grech f'dik il-kawża, dan ċertament ma kienx imissu jsir, għaliex biċ-ċessjoni denunzjata Paolo Grech

kien avesta ruħu mill-kwalità tiegħu ta' kreditur ċedent, u għalhekk id-debitur ma jistgħax jiġi liberat mill-obligazzjoni tiegħu lejn il-kreditur ċedut, li hu l-attur;

(2) Rigward l-eċċezzjoni tal-konvenut Paolo Grech, ċjoè li l-azzjoni tal-attur in kwantu proposta kontra tiegħu hija ntempestiva, għaliex hu mhux tenut solidalment mad-debitur, u ebda azzjoni ma tista' ssir kontra tiegħu qabel ma l-attur jipprova li hu eskuta inutilment lid-debitur, li fl-att taċ-ċessjoni li sar fl-atti tan-Nutar Agius ġa msemmi il-konvenut Paolo Grech kien iggarantixxa r-realtà u l-eżiġibbilità tal-kreditu; li l-garanzija tar-realtà tal-kreditu timporta li fil-mument li qegħdha ssir iċ-ċessjoni l-kreditu ċedut għadu jeżisti; li qabel ma saret iċ-ċessjoni l-istess konvenut kien irċieva ammont akkont tas-somma ta' £150, mentri hu ċeda lill-attur il-kreditu ntier, u li għalhekk hu naqas mill-garanzija tar-realtà tal-kreditu riferibbilment għal dik il-parti li kien ġa nkassa, u kwindi, limitatament għal dan l-ammont, l-attur għandu d-dritt kollu jipproċedi direttament kontra tiegħu, imma kwantu għad-differenza, ċjoè għal dik il-parti mil-kreditu li l-konvenut Paolo Grech ma kienx għadu nkassa fil-mument taċ-ċessjoni tal-kreditu l-eċċezzjoni tiegħu hija sostenibbli;

(3) Rigward l-osservazzjoni tal-attur, ċjoè li l-ewwel domanda tinsab eżawrita, billi waqt l-kawża rriżulta li l-kreditu ċedut ġie nkassat miċ-ċedent, u li kwindi d-debitur ċedut ma għandux debitur, li għar-raġunijiet ġa minnu sottomessi din l-osservazzjoni tal-attur hija bla bażi;

(4) Rigward l-inkarigu li ġie lilu mogħti, għar-raġunijiet minnu sottomessi, (a) li l-attur għandu jiġi kanonizzat kreditur tad-debitur ċedut fis-somma ta' £61.16.7, bl-imgħax tal-5% fis-sena mis-16 ta' Jannar 1948; (b) li l-konvenut Paolo Grech għandu jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £88.3.5 bl-imgħax tal-5% fis-sena mill-5 ta' Marzu 1948, u mill-ammont imsemmi għandhom jitnaqqsu £15 li għandhom jiġu mputati għall-imgħax; (ċ) fil-każ biss li jkun eskuta d-debitur fis-somma ta' £61.16.7 bl-imgħax relattivi li l-attur ikun jista' jipproċedi għall-pagament kontra l-konvenut Paolo Grech;

Illi ħadd mil-kontendenti ma qabel mal-konklużjonijiet sottomessi mill-perit legali. L-attur jirrimetti ruħu għalihom, barra mill-parti relattiva għall-eċċezzjoni tal-prevja eskussjoni tad-debitur ċedut, mogħtija miċ-ċedent konvenut Paolo Grech, billi jossottometti illi l-istess eċċezzjoni kienet tista' tiġi mogħtija kieku ċ-ċedent Paolo Grech u d-debitur ċedut ma kienux parti konvenuti f'din l-istess kawża, u, billi rriżulta li ċ-ċedent ġie mħallas totalment mill-ammont tal-kreditu ċedut, il-proċedura tal-prevja eskussjoni tad-debitur ċedut ġiet eżawrita f'din il-kawża;

Il-konvenut Paolo Grech isostni li l-azzjoni tal-attur, almenu in kwantu diretta kontra tiegħu, hija ntempestiva, billi jossottometti li l-attur, bħala ċessjonarju, kien messu aġixxa direttament kontra d-debitur ċedut;

Il-konvenut Louis Grech nomine jafferma li hu ma għandu jħallas u jagħti xejn, għal'ex il-konvenut Paolo Grech ma setgħax iċedi billi kien ġa mħallas jew ġie kompensat fl-imsemmija diviżjoni, u ġie akkreditat tal-kreditu li ċeda;

Il-kontendenti, però ma għamlu ebda osservazzjoni rigward l-ammonti kif ġew likwidati mill-perit. Kwantu għal din il-likwidazzjoni, il-perit legali rrileva li skond il-kuntratt imsemmi tat-23 ta' Marzu 1945 l-ammont ta' £150 kellu jitħallas fi żmien sentejn mingħajr interessi, u mhux bl-interessi tal-5% kif jgħid l-attur, u li l-interessi bdew jiddekorru in segwitu għall-ittra uffiċjali tat-28 ta' Ġunju 1947, li saret wara li kienu għaddew dawk is-sentejn mingħajr ma kien ġie mħallas id-debitu, u li biha d-debitur ġie nterpellat biex iħallas ukoll dawk l-interessi; li mill-proċeduri tal-iżbank ġa msemmi, effettwat qabel ma saret iċ-ċessjoni, jirriżulta li l-konvenut Paolo Grech kien irċieva £93.0.8, li skond id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 1954, fil-kawża in re "Grech utrinque", £88.3.5 minnhom irċevihom akkont tal-kapital tal-£150, u l-£4.17.3 l-oħra għall-interessi u spejjeż, b'mod li fis-16 ta' Jannar 1948, meta sar l-iżbank, id-debitu kien ta' £61.16.7, u din is-somma biss flimkien mal-interessi fuqha tal-5% fis-sena mill-istess data, hija dovuta mill-konvenut Louis Grech nomine, għaliex is-somma l-oħra ta' £88.3.5 għandu jirris-

pondi għaliha di fronti għall-attur il-konvenut Paolo Grech, għaliex hu kien irċeviha qabel iċ-ċessjoni, u kwindi ma setgħax iċediha lill-attur, u hu ggarantixxa lill-attur ir-realtà tal-ammont ta' £150; liema somma hu għandu jħallasha bl-interessi tal-5% mill-5 ta' Marzu 1948, għaliex iċ-ċessjoni saret bir-rata ta' dawn l-interessi; li jirriżulta li fil-kors ta' din il-kawża l-attur irċieva minn għand il-konvenut Paolo Grech £15, u kwindi l-istess għandhom jitnaqqsu, u l-attur jibqa' kreditur fil-bilanċ;

Illi l-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet raġġunti millperit legali. Bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Agius tal-5 ta' Marzu 1948 il-konvenut Paolo Grech ċeda u ttrasferixxa favur l-attur il-kreditu ta' £150 li hu qal li kellu kontra Luigi Grech, missieru, u l-istess konvenut iggarantixxa favur l-attur tant ir-realtà kemm l-eżiġibbilità tal-kreditu. Mill-fatti superjorment indikati jirriżulta illi fil-mument taċ-ċessjoni l-kreditu tal-imsemmi konvenut ma kienx kif qal hu, ta' £150 imma ta' somma nferjuri, billi qabel dik iċ-ċessjoni hu kien irċieva £93.0.8 akkont ta' dak il-kreditu. Kwindi il-kreditu tal-konvenut Paolo Grech kien ineżistenti għad-differenza; u billi hu ggarantixxa favur l-attur irrealtà tal-kreditu ntier, tinħoloq fih, bħala ċedent b'dik ilgaranzija, l-obligazzjoni li jirrestitwixxi hu lill-attur dik is-somma li tagħha fil-mument taċ-ċessjoni ma kienx kreditur (Vol. XXII-II-292). Rigward is-somma bilanċjali li tagħha l-konvenut Paolo Grech kien verament kreditur filmument taċ-ċessjoni, l-attur jista' wkoll ikollu dritt għaliha minn għand l-imsemmi konvenut, imma qabel hu għandu jimxi kontra l-konvenut Louis Grech nomine, debitur ċedut, għaliex iċ-ċessjoni saret ukoll bil-garanzija tal-eżiġibbilità tal-kreditu u ma sarx ftehim fis-sens li ċ-ċedent għandu jħallas għad-debitur jekk dan ma jħallasx fuq sempliċi talba (Vol. XXXV-III-688). Il-konvenut Paolo Grech iggarantixxa lill-attur l-eżiġibbilità ta' din is-somma, ċjoè li hu jagħmel tajjeb lill-attur li jħallas hu, fil-każ imma li ma jirnexxilux jitħallas minn għand id-debitur ċedut. Xejn ma jiswa lill-attur il-fatt li l-konvenut Louis Grech, debitur ċedut, jinsab ċitat f'din l-istess kawża maċ-ċedent, għaliex l-eskussjoni tad-debitur għandha tkun preventiva, u mhux kontestwali maċ-ċitazzjoni taċ-ċedent; u sempliċi ċitazzjoni mhijiex eskussjoni preventiva (Vol.

XXXV-III-688). Huwa veru li l-konvenut Paolo Grech jinsab imħallas tal-kreditu naxxenti mill-kuntratt taċ-ċessjoni billi fis-sena 1945 rċieva £93.0.8 akkont tal-istess kreditu, fis-sena 1945 irċieva £150 minn għand l-attur bl-att taċ-ċessjoni, u fis-sena 1954 saret favur tiegħu l-assenjazzjoni msemmija komprendenti l-kreditu; imma din iċ-ċirkustanza ma tiswa xejn lill-konvenut Louis Grech, kif tajjeb ġie rilevat mill-perit legali. Il-likwidazzjoni tal-ammont imsemmi mill-attur fl-ewwel domanda taċ-ċitazzjoni, kif magħmula mill-perit legali, hi korretta, u għalhekk tiġi aċċettata;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut Paolo Grech, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni minnu sollevata u jiġu miċħuda t-talbiet tal-attur in kwantu diretti kontra tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Rat ir-risposta tal-attur, li biha qal illi l-appell tal-konvenut Paolo Grech hu vessatorju, u fl-istess ħin appella nċidentalment mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u talab li jiġi deċiż illi l-kreditu ċedut ma kienx eżistenti fil-ħin taċ-ċessjoni, għaliex estint bil-pagament, u għalhekk jiġi riġettat l-appell ta' Paolo Grech, u dan jiġi kundannat iħallas l-ammont tal-kreditu li jifforma l-oġġett taċ-ċessjoni, bl-interessi relattivi mid-data taċ-ċessjoni u l-ispejjeż tal-kawża in konformità mal-appell inċidentali tal-istess attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Hu konvenjenti li jiġi eżaminat l-ewwel l-appell inċidentali tal-attur, għax dan jissolleva kwistjoni ta' fatt li jeħtieġ li tiġi definittivament determinata qabel ma tiġi affrontata l-kwistjoni legali nvoluta fl-appell prinċipali tal-konvenut Paolo Grech;

Il-kreditu li Paolo Grech oriġinarjament kellu kontra missieru Luigi Grech kien ta' £150, pagabbli fi żmien sen-

teju mit-23 ta' Marzu 1945, mingħajr imgħax (kuntratt fol. 89). Kien "dan" il-kreditu li l-istess Paolo Grech ċeda lill-attur bil-kuntratt fol. 4, bl-imgħax tal-5% fis-sena minn dak inhar taċ-ċessjoni l-quddiem;

Fis-sentenza appellata l-Ewwel Onorabbli Qorti rriteniet bħala fatt, konformement għall-konklużjoni li kien wasal fiha l-perit ġudizzjarju, illi mill-imsemmi kreditu ta' £150 u mgħax dovuti mit-28 ta' Gunju 1947, data li fiha saret l-*interpellazzjoni* għall-ħlas, Paolo Grech kien irċieva, permezz tal-iżbank magħmul f'ismu fis-16 ta' Jannar 1948, ħlas ta' £93.9.8, ċjoè £88.3.5 akkont tal-kapital u £4.17.3 għall-imgħax u spejjeż. B'hekk dik il-Qorti rriteniet illi fil-ġurnata taċ-ċessjoni l-kreditu ta' Paolo Grech kontra l-eredità ta' missieru Luigi Grech (issa rappreżentata f'din il-kawża mill-konvenut Louis Grech) kien veljanti biss għall-ammont ta' £61.16.7, bl-interessi tal-5% fis-sena mill-imsemmija data tal-iżbank. Sa "dan" l-ammont biss il-kreditu ċedut lill-attur kien reali. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma ħadetx f'konsiderazzjoni l-pagament li sar lill-istess Paolo Grech mid-debitur permezz tal-kuntratt tad-diviżjoni fl-atti tan-Nutar Micallef Trigona tal-ewwel ta' Diċembru 1954, u dan għaliex dak il-pagament kien sar lill-kreditur ċedent "wara" li ġa kienet ġiet notifikata ċessjoni magħmula lill-attur, u fil-konfront ta' dan, u għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tal-kreditu fiż-żmien taċ-ċessjoni, dak il-pagament kien irrilevanti;

L-attur ma jidherx li jikkontrasta din l-aħħar konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti; u anqas jidher li hu seta' raġjonevolment jikkontrastaha. Iżda hu jippretendi — u fuq dan biss jidher li hu bażat l-appell inċidentali tiegħu — illi bl-iżbank magħmul mill-Qorti mill-konvenut Paolo Grech fis-16 ta' Jannar 1948 dan irċieva bi ħlas tal-kreditu tiegħu kontra l-eredità ta' Luigi Grech mhux biss parti, iżda l-intier ta' dak li kien dovut; għalhekk, jippretendi l-attur, dak inhar taċ-ċessjoni, ċjoè fil-5 ta' Marzu 1948, il-kreditu ċedut kien interament estint bil-pagament, u kwindi għal kollox ineżistenti u irreali. Mela, fil-fehma tal-attur, l-Ewwel Onorabbli Qorti messha rriteniet lill-konvenut Paolo Grech direttament responsabbli lejh bis-saħħa tal-garanzija tar-realtà mhux biss għall-ammont ta' £88.3.5.

bl-interessi tal-5% mill-5 ta' Marzu 1948, iżda għall-ammont kollu ta' £150 u l-imgħax, salv biss li jiġu mputati akkont il-£15 li Paolo Grech ħallas lill-attur waqt il-kawża;

L-attur jippretendi illi l-kontestazzjoni tiegħu tirriżulta konvalidata mid-dokumenti a fol. 33 u 37 tal-proċess; iżda dawn id-dokumenti, f'lok isostnu l-pretensjoni tal-attur, iwettqu l-konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti, bażata wkoll fuq l-eżami li għamel il-perit ġudizzjarju. Infatti, mir-rikors fol. 33 (l-aħħar paragrafu fol. 34) jidher illi mill-iżbank ta' £183.3.0 mitlub għan-nom ta' Paolo Grech kellu jiġi mputat akkont tal-kreditu ta' £150 dovut lilu minn Luigi Grech (ċjoè il-kreditu ċedut) u nteressi, il-bilanċ li jibqa' wara li jinqatgħu l-ammonti msemmijin hemm qabel taħt l-ittri (a) (b) (ċ) (d) u (e), b'total komplessiv ta' £90.2.4. Dak il-bilanċ kien, għalhekk, ta' £93.0.8. Mid-dok. fol. 37 jirriżulta illi l-iżbank ġie awtorizzat għat-termini tar-rikors;

Ġa ntqal aktar il-fuq illi bis-sentenza tal-Prim'Awla tas-16 ta' Ottubru 1954, fl-ismijiet "Michele Grech vs. Paolo Grech", ġie ritenut, riferibbilment għal dak l-ammont ta' £93.0.8, illi £4.17.3 ġew imputati għall-interessi skaduti u xi spejjeż, u għalhekk is-somma li ġiet tħallset bl-iżbank akkont tal-kapital ta' £150 kienet ta' £88.3.5, appuntu kif irriteniet is-sentenza appellata; u kwindi l-kreditu ċedut, fiż-żmien taċ-ċessjoni kien jinsab estint b'dak l-ammont, u kien jeżisti biss sal-ammont ta' £61.16.7, kif sabet l-Ewwel Onorabbli Qorti;

*Omissis;*

Għalhekk l-appell inċidentali tal-attur hu manifestament infondat;

Jibqa' li jiġi kunsidrat l-appell prinċipali tal-konvenut Paolo Grech. Hawn il-kwistjoni hi kollha kemm hi legali. Sostanzjalment, l-Ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi għall-ammont li għalieh il-kreditu ċedut kien ineżistenti fiż-żmien taċ-ċessjoni l-attur kellu azzjoni diretta kontra ċ-ċedent bis-saħħa tal-garanzija tar-realtà, iżda għall-ammont li għalieh dak il-kreditu kien fil-fatt għadu jeżisti dak iż-

żmien l-attur jeħtieġ l-ewwelnett jeskuti d-debitur, u fil-każ biss illi ma jirnexxilux jitħallax, ikun talvolta jista' jdur kontra ċ-ċedent, bis-saħħa tal-garanzija tal-eżiġibbilità;

L-appellant Paolo Grech jissottometti illi din id-distinzjoni ma setgħetx issir. It-teżi tiegħu hi illi, skond l-art. 1562 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna, l-eskussjoni preventiva tad-debitur hi dejjem u f'kull każ meħtieġa qabel ma ċ-ċessjonarju jirrikorri kontra ċ-ċedent, ħlief, s'intendi, fil-każ espressament eċċettwat fl-istess artikolu, ċjoè meta ċ-ċedent ikun obliga ruħu li jħallas hu għad-debitur jekk dan jonqos li jħallas fuq sempliċi talba;

Ġie rilevat mill-appellant illi l-imsemmi art. 1562 ġie mdaħħal fil-liġi tagħna "biex jaqta' kwistjoni", kif jidher minn Noti ta' Sir Adriano Dingli; iżda għandu jiġi osservat illi mir-riferenzi li hemm f'dawk in-Noti għal xi awturi ma jidher bl-ebda mod illi l-kwistjoni li riedet tiġi deċiża kienet dik imqanqla issa f'din il-kawża. Tant fit-Troplong (Della Vendita § 941 u 944) kemm fil-Pothier (Contratto di Vendita, Opere Tom. I, P.I., pp. 594 et seq. § 561 et seq.), id-diskussjoni kollha tirrigwarda l-garanzija tas-solvibbilità. Jidher li fid-dottrina kienet dibattuta l-kwistjoni jekk, biex iċ-ċessjonarju jista' jdur kontra ċ-ċedent bis-saħħa tal-garanzija tas-solvibbilità, kienx meħtieġ li qabel xejn ikun aġixxa ġudizzjarjament kontra d-debitur u jipproċeda kontra tiegħu għall-atti infruttwużi ta' eżekuzzjoni. Il-leġislatur tagħna qata' "din" il-kwistjoni leġislattivament f'sens affermattiv, iżda, kif jidher lil din il-Qorti, mingħajr ma b'daqshekk intenda jeskludi limitazzjonijiet, fl-applikazzjoni tal-liġi, imposti mill-prinċipji tal-ġustizzja u l-ekwità. L-istess dottrina li l-leġislatur tagħna ried jabbraċċja, li kienet teżiġi l-eskussjoni preventiva tad-debitur, kienet b'dan kollu teżenta il-każ ta' meta "l'insolvenza del debitore sia notoria e lo sperimento di una previa eskussione sia manifestamente vano; imperrocchè in questi casi l'escussione non potrebbe approdare che a perdita in tempo e sciupio di spese" (ara Pacifici Mazzoni, Vendita, § 212, fejn jiċċita anki l-Pothier);

U "hekk" preċiżament applikat u nterpretat il-liġi tagħna din il-Qorti fil-kawża "Gasan vs. Klugman", 13.6.-1892, fejn il-Qorti kienet presjeduta mil-President Sir Adriano Dingli, li kien rrediġa l-art. 1562 fuq imsemmi. L-attur f'dik il-kawża bħala ċessjonarju, kien aġixxa kontra ċ-ċedent għar-restituzzjoni tal-prezz taċ-ċessjoni bis-saħħa tal-garanzija tar-realtà u tal-eżiġibbilità, billi d-debitur, interpellat b'ittra uffiċjali, kien naqas li jħallas. L-Ewwel Qorti kienet ċaħdet it-talba għal żewġ raġunijiet; l-ewwel waħda mhix rilevanti għall-kwistjoni preżenti; it-tieni waħda kienet illi "ai termini dell'articolo 1226 dell'Ordinanza VII del 1868 (korrispondenti għall-art. 1562 tal-Kodiċi) il cessionario è tenuto di agire contro il debitore prima di rivolgersi contro il cedente, in difetto di convenizone di dovere questi pagare ognorchè il primo non pagasse a semplice richiesta, e che una interpellazione al debitore per lettera ufficiale non era sufficiente". Il-Qorti tal-Appell irrevokat l-ewwel sentenza, billi fuq il-kwistjoni tal-eskussjoni osservat illi "le prove ora addotte dall'attore dimostrano chiaramente che il debitore era insolvente tutto il tempo, da prima della cessione fin oggi, in guisa che sarebbe assolutamente inutile di costringere l'attore a istituire giudizi contro di lui" (Vol. XIII. p. 234; ara wkoll fl-istess sens Vol. XXIII-II-422);

Kif ġa ntqal, dan jidher li hu konformi għall-prinċipji, għaliex il-liġi ma għandhiex titqies li timponi proċedimenti inutili, li fiċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari jfisser biss ħala ta' żmien u flus. Wiso tajjeb, fil-kawża 'Attard vs. Fenech' (Vol. XXI-I-4), din il-Qorti qalet illi "l'obligo del cessionario di agire contro il debitore prima di rivolgersi contro il cedente suppone che il debitore abbia beni da poter essere escussi"; liema dottrina ġiet segwita fil-kawża "Sciberras vs. Bonnici". Kumm. 1.3.1950 (Vol. XXXIV-III-776):

Din id-dottrina in materja ta' ċessjoni mhix ħlief applikazzjoni ta' prinċipju aktar ġenerali, li jistabbilixxi, kif intqal mis-Supremo Magistrato di Giustizia in re "Laferla vs. Buttigieg" 9.7.1782. illi "non ha luogo il beneficio di escussione quando è notorio che il debitore principale è insolvibile". Dan l-insenjament ġie ċitat minn din il-Qorti fil-kawża "Pullicino vs. Nutar Azzopardi", 1.4.1964, fejn

ukoll saret riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell riportata fil-Kollezzjoni, Vol. IX p. 97, fejn intqal illi r-regoli tal-eskussjoni preventiva, "secondo i principi generali stabiliti per le obbligazioni sussidiarie non hanno luogo quando si tratta di un debitore principale notoriamente insolvibile o che, incontinenti e nello stesso giudizio si possa provare di essere insolvibile";

Issa, jekk dan kollu hu validu, kif din il-Qorti tirritjeni li huwa, fil-kwadru tal-imsemmi art. 1562 għar-rigward tal-garanzija tas-solvibbilità, "multo magis" u "a fortiori", fil-fehma tal-Qorti, japplika għall-garanzija tar-realtà jew eżistenza tad-dejn fil-mument taċ-ċessjoni. Infatti, jekk huwa veru u sewwa illi ċ-ċessjonarju mhux obligat jaġixxi preventivament kontra d-debitur meta dan hu magħruf, jew hu fl-istess kawża pruvat, insolvibbli, jidher li hu aktar veru illi ċ-ċessjonarju ma għandux ikun obligat għall-eżekuzzjoni preventiva meta hu magħruf, jew hu fl-istess kawża pruvat, illi anqas biss hemm "debitus", għaliex id-dejn suppost ċedut "anqas biss kien jeżisti". Jekk hu veru illi l-obligu taċ-ċessjonarju li jaġixxi l-ewwel kontra d-debitur jippresupponi (kif qalet din il-Qorti fil-kawża "Attard vs. Fenech" fuq ċitata) illi d-debitur għandu beni mnejn iħallas, imissu loġikament u naturalment ikun aktar veru illi dak l-obligu jippresupponi, l-ewwel u qabel kollox, l-eżistenza ta' debitur u r-realtà tad-debitu. Fl-ipotesi tal-ineżistenza, l-istess ċessjoni hi "ab initio" nulla u ineżistenti minħabba nuqqas tal-oġġett stess tal-kontrattazzjoni; u l-obligazzjoni taċ-ċedent għar-restituzzjoni tal-prezz mhix sussidjarja, iżda diretta u prinċipali;

Għalhekk fil-kawża preżenti, fejn hemm per dippjù konvenuti tant iċ-ċedent kemm id-debitur ċedut, il-Qorti jidhrilha li għamlet sewwa l-Ewwel Qorti illi, għall-parti tad-debitu li fiż-żmien taċ-ċessjoni kienet għadha dovuta mill-konvenut Louis Grech nomine iddikjarat lilu debitur u awtorizzat lill-attur li jeżegwixxi l-kuntratt kontra tiegħu, stante anki li ebda kwistjoni ma ġiet imqajma dwar is-solvibbilità tiegħu, imma għall-parti li għaliha, dak iż-żmien, il-kreditu tal-appellant Paolo Grech kien ġa estint,

u kwindi ineżistenti, irriteniet lilu stess direttament responsabbli;

Ġa minn qabel din il-kawża kien jirriżulta illi l-kreditu ċedut lill-attur mill-appellant Paolo Grech kien in parti ineżistenti. Infatti fl-1950 l-attur kien aġixxa kontra d-debitur ċedut għall-ħlas tad-debitu ntier (ara ċitaz. P.A. "Raffaele Vella vs. Michele Grech", nru. 232/1950, deżerta 28.12.1951). Il-konvenut f'dik il-kawża, oltre li eċċepixxa l-ineżistenza tad-debitu ċedut minħabba n-nullità tal-kuntratt taċ-ċessjoni, oppona wkoll illi, fi kwalunkwe każ, iċ-ċedent kien ġa qabel iċ-ċessjoni u ċjoè fis-16 ta' Jannar 1948, żbanka mill-Qorti, miċ-ċedola nru. 57 tat-18 ta' Ġunju 1945, ammont ta' £180.3.0, li minnhom £92.11.6 ġew imputati akkont tal-kreditu ta' £150 wara ċedut lill-attur. Ġie ukoll rilevat mill-konvenut illi l-kwistjoni jekk iċ-ċedent kienx jew le kreditur meta ċeda d-debitu, u fil-każ f'liema ammont, kien jiddependi mill-eżitu tal-kawża ta' likwidazzjoni li allura kienet pendenti fl-ismijiet "Michele Grech vs. Paolo Grech et." (ċitaz. 828 tal-1947). Aktarx minħabba dan il-kawża bejn l-attur u d-debitur baqgħet "sine die", u eventwalment marret deżerta. Il-kawża ta' likwidazzjoni fuq imsemmija ġiet deċiża, kif ġa ssemma fuq, fis-16 ta' Ottubru 1954 u ġie ritenut, riferibbilment għall-ammont ta' £93.0.8 żbankat miċ-ċedent fis-16 ta' Jannar 1948, illi £88.3.5 kienu ttieħdu akkont tal-kapital tal-kreditu u £4.17.3 akkont ta' imgħax u spejjeż;

In vista ta' dan il-Qorti ma jidhirlhiex li jista' jkun hemm dubju illi l-proċedura segwita mill-attur f'din il-kawża, in kwantu aġixxa kontra tant iċ-ċedent kemm id-debitur, kienet korretta, u kienet korretta s-sentenza appellata li kkundannat il-wieħed u l-ieħor, kull wieħed għall-parti li tmiss lilu;

Għal dawn ir-raġunijiet, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti tiddeċidi billi;

Tiċħad l-appell inċidentali tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenut Paolo Grech, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

U hekk tikkonferma s-sentenza appellata.